**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 474/15 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata, permezz ta' cerimonja religjuza celebrate **fil-Parocca tal-Madonna tas-Sacro Cuore, f'Tas Sliema nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elf disa mija, wiehed u sebghin 'Dok. A'**;

**2.** Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, **li llum huma t-tnejn ta' eta maggorenni;**

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980);

**4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimat;**

**5.** Illi inoltre, kif evidenzjat mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti, hawn anness u mmarkiat bhala 'Dok. B'**, ghaddew ferm oltre minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet;**

6. Illi jigi ulterjorment rilevat illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

7. Illi **ghaldaqstant, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet konjugi ab u cd;**

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

i. **Tiddikjara** z-zwieg tieghu ma' CD, mahlul, u li konsegwentement l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;
ii. **Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha teccepixxi :

Li l-esponenti mhiex toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrent Mario Laus li din l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li taghti ordni ghar-registrazzjoni tal-istess hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

B’dan pero li l-esponenti m’ghandhiex tehel l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u liema spejjez ghandhom jigu sopportati kollha mir-rikorrent, inkluz l-ispejjez inkorsi mill-esponenti, stante li ma kenitx hi li tat lok ghal dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru, 2015 ;

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi r-rikorrent xehed bil-gurament ;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 t’Ottubru 1980 ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.